# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 413/2023/2**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Nicholai Galea**

Illum 24 ta' Settembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Nicholai Galea**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 173396(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar il-15 ta' Jannar 2023, fil-ħinijiet ta' wara nofs in-nhar, ġewwa l-Ibjar, Irziezet tal-Imtaħleb fir-Rabat (Malta):

1. volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli għad-detriment tal-familja Cutajar, bl-ammont ma jiskorrix il-mitejn u ħamsin Euro

(€250), bi ksur ta' Artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Josette Cutajar, Bernardette Cutajar u Isabelle Cutajar u tapplika l-provedimenti ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat taħt dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Ġunju 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 325(1)(c)[1] u 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu u b'applikazzjoni ta' Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta lliberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor għal żmien sena minn dakinhar li ngħatat is-sentenza. *Ai termini* ta' Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti biex tipprovdi għas-sigurta' ta' Josette Cutajar, Bernardette Cutajar u Isabelle Cutajar u sabiex jinżamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena rabtet lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' elf Euro (€1,000) biex ma javviċinax, ma jimmolestax u/jew ma jdejjaqx bi kwalunkwe mod lill-kwerelanta Bernardette Cutajar, lil Josette Cutajar u Isabelle Cutajar għall-perjodu ta' sena mid-data tas-sentenza. L-Ewwel Qorti awgurat li dan kien u jibqa' inċident iżolat u li kemm l-imputat kif ukoll il-kwerelanta jippruvaw isibu kompromess fuq il-kwistjonijiet li hemm bejniethom u jagħlqu dan il-kapitolu f'ħajjithom biex b'hekk ikunu jistgħu jimxu 'l quddiem. Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ċar il-konsegwenzi u l-obbligi tiegħu skont l-istess sentenza u l-imputat iddikjara illi fehem l-istess.

[1] "jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri l-mitejn u ħamsin Euro (€250), il-piena ta' priġunerija għal perjodu li ma jaqbiżx is-sitt xhur".

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-21 ta' Ġunju 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġoba tannulla, tħassar u tikkanċella s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-5 ta' Ġunju 2023 [__**recte**__: 2024] fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nicholai Galea** u konsegwentement tillibera mill-appellant minn kull akkuża u ħtija."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fit-23 ta' Awwissu 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-5 ta' Ġunju 2024.

Illi dan il-każ beda wara li fit-18 ta' Jannar 2023 il-Pulizija rċeviet rapport mill-*parte civile* Bernardette Cutajar li f'razzett fil-limiti tal-Imtaħleb kienet qed iżomm numru ta' *pallets*. Hija spjegat li fis-16 ta' Jannar 2023 għal ħabta tad-9.00am marret fl-imsemmi razzett u sabet li dawn il-*pallets* kienu ġew maħruqa. Hija qalet li mill-filmat tas-*CCTV cameras* li hemm installati fuq is-sit kien jidher biċ-ċar li l-appellant kien il-persuna li ħaraq il-*pallets* in kwistjoni.

Illi da parte tiegħu l-appellant qal li huwa ħaraq il-*pallets* tiegħu u xi injam ieħor li kien spiċċut. Huwa jispjega li hemm ċertu ġlied għaddej bejn il-kuġini minħabba li l-proprjeta' li ġejja minn wirt għadha ma nqasmitx.

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell

tiegħu hija tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju l-appellant jilmenta dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti għażlet li tistrieħ fuq ix-xiehda tal-*parte civile* in kwantu ma ġietx kontro-eżaminata. Jargumenta li wieħed ma jistax iqis li la ma sarx il-kontro-eżami tal-*parte civile* allura din il-verżjoni għandha titqies mhux kontestata. Jgħid li xiehda tista' tiġi meruta b'mod ieħor, bħal f'dan il-każ fejn hu (l-appellant) bix-xiehda tiegħu oppona għal verżjoni mogħtija mill-*parte civile*. Jisħaq li huwa ferm perikoluż li jkun hemm xi forma ta' preżunzjoni favur il-Prosekuzzjoni mill-fatt waħdu li ma jseħħx il-kontro-eżami.

Illi din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti qalet hekk (*a fol.* 122):

> "Jibda biex jingħad li d-difiża ma għamlet l-ebda kontro-eżami tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, inkluż tal-kwerelanta. *Dunque*, il-Qorti tqis li, fin-nuqqas ta' attakk fuq ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, inkluż id-dokumentazzjoni ppreżentata minnha, għandha tistrieħ fuq tali xhieda u ma tiddubitax mill-veraċita' tagħha."

Illi minkejja li l-appellant jargumenta li l-Ewwel Qorti straħet fuq id-depożizzjoni tal-*parte civile*, din il-Qorti tinnota li minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta li dan mhux il-każ u dana minkejja dak li ngħad fil-paragrafu hawn fuq ċitat mis-sentenza appellata. Filwaqt li huwa minnu li l-Ewwel Qorti straħet aktar fuq dak li qalet il-*parte civile* u huwa veru wkoll li l-Qorti msemmija ssemmi l-kwistjoni tan-nuqqas ta' kontro-eżami iżda fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ssemmi wkoll id-diskrepanza fil-verżjonijiet mogħtija mill-appellant u għalfejn kienet qed iserraħ aktar fuq l-ewwel verżjoni mogħtija minnu.

Illi din il-Qorti rat il-filmat li hemm fl-atti proċesswali u hija konfortata fl-evalwazzjoni tagħha minn dak li jgħid l-appellant fix-xiehda tiegħu tas-7 ta' Frar 2024 (*a fol.* 104 *et seq.*) u ċioè li kien huwa li kien qed jaħraq. Tenut kont ta' dan mhux kredibbli l-appellant meta jgħid li l-*pallets* li ħaraq kienu tiegħu u li kienu ġejjin kollha mill-fatt li kien qed jarma appartament. Huwa ppreżenta żewġ rċevuti li jkopru żewġ kmamar tas-sodda. Minbarra dan waqt ix-xiehda tiegħu jsemmi li kien hemm il-*pallets* tal-*appliances* iżda ma hemmx provi fl-atti li xtara dawn l-*appliances*.

Illi mill-filmat tas-CCTV jirriżulta li l-appellant poġġa kwantita ta' *pallets* għal ħruq. Minbarra dan huwa kompla jżied il-*pallets* hekk kif dawk li poġġa qabel kienu bdew jinħarqu. Din il-Qorti ma tistax temmen l-appellant meta jipprova jgħid li l-*pallets* li poġġa kienu kollha tiegħu. Din il-Qorti tgħid dan għax meta wieħed iqabbel il-*pallets* in kwistjoni mal-irċevuti li hemm fl-atti

proċesswali żgur hemm aktar *pallets* minn dak li jkopru l-irċevuti. Minbarra dan lanqas hija kredibbli l-verżjoni li l-*appliances* li xtara kienu fuq *pallets*. Għalhekk anke jekk uħud mill-*pallets* kienu tal-appellant, il-bqija ma jistax ikun li kienu tiegħu. Tenut kont ta' dan din il-Qorti bilfors trid temmen lill-*parte civile* li tgħid li kellha xi *pallets* u li ma sabithomx aktar.

Illi mill-filmati jidher li l-*pallets* li kienu qed jitpoġġew kellhom kulur tal-injam ċar. Dan huwa fatt li mhux konformi ma' dak li jgħid l-appellant meta jispjega li dak li ħaraq kien injam spiċċut. Li kieku wieħed jitkellem fuq injam li kien spiċċut, il-kulur tiegħu kien ikun aktar skur u meta dan kien qed jinġarr mill-appellant dan kien jinkiser. Jekk ma jinkisirx meta jkun qed jinġarr mill-appellant kien jinkiser meta jpoġġieħ b'ċerta saħħa fuq il-munzell li kien qed jaqbad!

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-aggravju in eżami jsegwi li l-ewwel aggravju għandu jkun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> tiegħu l-appellant jilmenta li ma kienx hemm prova li l-*parte civile* kienet proprjetarja ta' sittin *pallet* tal-injam. Jargumenta li għal dan ir-reat kellu jiġi ppruvat li l-*pallets* li nħarqu kienu proprjeta' tal-*parte civile*. Jispjega li l-*parte civile* wriet biss ritratti tal-*pallets* u *chats* tas-sena 2020, ċioè tliet snin qabel l-akkadut.

Illi l-appellant jisħaq li l-art fejn seħħ il-ħruq hija fil-pussess ta' diversi persuni li jistgħu jidħlu u joħorġu mingħajr xkiel. Isostni li ma tressqitx prova li l-injam li ħaraq kienu tal-*parte civile* u jgħid li lanqas biss ma jista' jingħad f'liema kundizzjoni jew stat kien dan l-injam jew saħansitra l-valur tagħhom.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tirreferi għall-istqarrija rilaxxata mill-appellant fid-19 ta' Jannar 2023 (*a fol.* 74 *et seq.*) fejn huwa jammetti li ħaraq xi oġġetti li ma kienux tiegħu.

Meta dan jintrabat mal-filmat tas-*CCTV* u ma' dak li din il-Qorti kkunsidrat taħt l-aggravju preċedenti dwar il-kundizzjoni tal-*pallets* jirriżulta li fl-atti proċesswali hemm provi biżżejjed sabiex wieħed jasal għal konklużjoni li l-appellant fil-fatt ħaraq proprjeta' li kienet tal-*parte civile,* liema proprjeta' kienet għadha f'kundizzjoni tajba.

Illi rigward il-punt imqajjem mill-appellant dwar il-fatt li fil-post in kwistjoni jidħlu numru ta' persuni, din il-Qorti tifhem li ma hemmx prova ta' dan. Minbarra hekk hemm il-verżjoni mogħtija mill-*parte civile* li hija kellha l-*pallets* fir-razzett kontestat. Tenut kont li ma tressaq ħadd li qal li l-*pallets* kienu tiegħu, għajr għal *parte civile* u l-appellant stess, din il-Qorti, stante l-kunsiderazzjonijiet tagħha, tasal għal konklużjoni li l-*pallets extra* (dejjem jekk l-appellant ħaraq tiegħu wkoll) li ħaraq l-appellant kienu tal-*parte civile*.

Illi għalhekk jirriżulta li r-reat imputat lill-appellant ġie ppruvat b'dana illi l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. Għaldaqstant it-tieni aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tielet aggravju l-appellant jilmenta dwar in-nuqqas minn naħa tiegħu tal-*mens rea*. Jispjega li huwa ma kellux l-intenzjoni li jagħmel ħsara lill-proprjeta' ta' ħaddieħor. Jgħid li dan il-każ jista' jitqabbel ma' każ fejn wieħed isib xi biċċiet ta' injam fil-parapett tiegħu u jarmihom. Ikompli li dawn ma kienux xi oġġetti ta' valur iżda kienu oġġetti li jintremew wara li jsir użu minnhom. Jisħaq li ma jistax ikollok ħsara ta' oġġett bla valur u jilmenta li ma tressqitx prova li dawn kienu ser jiġu wżati ħlief tliet snin qabel. Jgħid li fil-verita' dawn kienu mormija. Dwar id-diskrepanza nnutata mill-Ewwel Qorti fil-verżjoni mogħtija minnu, l-appellant jispjega li din hija in konsegwenzjali minħabba li għalih l-oġġetti mormija kienu bla valur.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li meħud in konsiderazzjoni ta' dak li ngħad preċedentement taħt l-aggravji l-oħra, hija ma tistax taqbel ma' dak li jgħid l-appellant u ċioè li l-affarijiet li ħaraq kienu bla valur. Jista' jingħad li l-valur ma ġiex determinat iżda din il-Qorti diġa' kellha l-opportunita' li tgħid li l-*pallets* dehru fi stat tajjeb meta kienu qed jitpoġġew fuq il-munzell li kien qed jaqbad.

Illi l-appellant jgħid ripetutament li huwa seta' iġib sittin *pallet* iżda mill-atti proċesswali jidher li huwa qatt ma għadda l-ebda *pallet* lill-*parte civile* bħala kumpens għal dawk li ħaraq.

Illi rigward l-element formali tar-reat din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-7 ta' Jannar 2020 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Claus Peter Reisch** (Numru 150/2019), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi sabiex setgħet tissusisti l-ewwel (1) imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni kellha tipprova kemm l-*actus reus* kif ukoll il-*mens rea*. Għalkemm b'fatti u akkużi kompletament differenti għal dik taħt eżami, din il-Qorti sejra tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **'The Police (Inspector Maurice Curmi) vs. ACKARI FATHI SALEH'**[2] fejn ġie kkunsidrat li:
>
> > *"The general conditions of criminal responsibility are indicated with sufficient accuracy in the legal maxim "actus non facit reum nisi mens sit rea". This proves to show that an act cannot be guilty in itself, it must be accompanied by a guilty mind. In other words there are two conditions which have to be fulfilled before criminal responsibility can rightly be found, and we may distinguish these two conditions as a material condition (actus reus) and a formal condition (mens rea).*

[2] "Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-19 ta' Mejju, 2014 (Numru: 1/2014)."

> *The material condition is the doing of an act by an individual which violates the rights of others. The formal condition is the mens rea, the guilty mind with which the act was committed. It is thus of vital importance that a look at the mental attitude of the doer is given before the law can justly punish. Because there are instances when the mind is innocent and the act is heneous and thus objectively wrongful. The material badness of an act depends on the actual nature circumstances and consequences of it, whilst its formal badness depends solely on the state of mind and the will of the doer.*
>
> *The mens rea includes two mental attitudes of the doer towards the deed. A person is criminally responsible for those wrongful acts which he does wilfully, here there is the wrongful intention (dolus) and negligently culpable negligence (culpa).*
>
> *Only when either of these two attitudes happen that the actus is accompanied by the mens rea, and thus the material and formal condition co-exist. If there is no intention or culpable negligence, the doer would be exempted from criminal responsibility.""*

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat hija tinnota li hija konvinta li l-appellant volontarjament ħaraq il-*pallets* in kwistjoni. Dan qiegħed jingħad b'mod partikolari (pero' mhux biss) minħabba li fl-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija fid-19 ta' Jannar 2023, għad-domanda (*a fol.* 74A):

> "Inti tifhem li jekk taħraq jew tkisser oġġetti ta' ħaddieħor, inti tkun qiegħed tagħmel reat?",

huwa wieġeb hekk hekk (*a fol.* 74A):

> "U żgur li nifhem li tagħmel ħsara fil-proprjeta' ta' ħaddieħor huwa reat, pero' ma nistax ngħid li dan sar fil-proprjeta' ta' ħadd ieħor."

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li anke jekk l-appellant ma kellux intenzjoni li jagħmel ħsara lill-*parte civile* żgur seta' jbassar li bl-aġir tiegħu kien illegalment qed jagħmel ħsara fuq il-proprjeta' tagħha.

Illi tenut kont li mill-filmat jidher biċ-ċar li l-*pallets* li nħarqu kienu ta' kwalita tajba, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant kellu l-*mens rea* neċessarja sabiex iwettaq ir-reat li ġie mixli bih. Għalhekk l-elementi li jikkostitwixxu r-reat jirriżultaw ippruvati u l-aggravju in eżami qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Nicholai Galea u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi kwalunkwe terminu hemm imsemmi għandu jibda jgħaddi mil-lum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**